MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-1 ta' Novembru, 2006

Appell Civili Numru. 1683/2005/1

**Cordina Insurance Agency Ltd ghal Versicherongs-Ailtiengesellschaft Sovag**

**vs**

**Air Malta plc**

**Il-Qorti,**

Fit-28 ta' Marzu, 2006 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

It-Tribunal,

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-24 ta' Awissu 2005, fejn l-s-socjeta` attrici talbet ghall-hlas ta' hamsa u sittin Liri Maltin (Lm65.00) ghar-ragunijiet indikati fl-istess Avviz, bl-ispejjes u bl-imghax kif mitluba fl-Avviz.

Ra r-risposta tas-socjeta` konvenuta tat-23 ta' Settembru 2005, fejn ecceppiet (a) id-dekadenza ta' sentejn mill-wasla ta' l-ajruplan fid-destinazzjoni, ai termini ta' l-Artikolu 35 tal-Convention for the Unification of Certain Rules for International Carraige by Air (Konvenzjoni ta' Montreal, 2999) u (b) illi minghajr pregudizzju, il-preskrizzjoni ta' sentejn ai termini ta' l-Artikolu 2153 tal-KAP 16 tal-Ligijiet ta' Malta, salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra x-xhiedha kollha prodotti u d-dokumenti kollha esebiti.

Sema' t-trattazzjoni finali tal-partijiet li saret fis-seduta tat-8 ta' Frar 2006 u innota l-verbal ta' l-istess seduta fejn il-partijiet qabblu illi l-kawza tithalla ghad-decizjoni ghal-llum;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

It-Tribunal ikkunsidra :

Illi il-mertu si tratta ta' bagalja mitlufa minn flight KM2592 tat-28 ta' April 2003.

Illi jirrizulta illi giet skabjata diversi korrispondenza bejn iz-zewg kontendenti dwar il-kwistjoni – u kif stqarr Maurice Cordina Borg in rapprezentanza tas-socjeta` attrici, "il-kwistjoni kienet aktar fuq l-ammont, milli fuq kwistjoni ta' responsabbilita`".

Illi l-Artikolu 35 (1) tal-Konvenzjoni ta' Montreal li a bazi tieghu tistrieh l-ewwel eccezzjoni ighid :

The right to damages shall be extinguished if an action is not brought within a period of two years, reckoned from date of arrival at the destination, or from the date on which the aircraft ought to have arrived, or from the date on which the carriage stopped.

It-Tribunal jidhirlu ghalhekk illi hija korretta s-socjeta` konvenuta illi tghid fl-eccezzjoni taghha illi l-perjodu huwa wiehed ta' dekadenza, izda jifhem il-punti sollevati mill-abbli Avukat tas-socjeta` attrici meta irriteniet illi din il-

Konvenzjoni dahhlet fis-sehh f'Malta fl-4 ta' Lulju 2004 (vide dok CB1) u in vista tal-fatt illi l-flight li tat bidu ghal din il-claim kienet f'April 2003, allura l-provvedimenti tal-Konvenzjoni mhumiex applikabbli in kwantu illi kienu ghadhom ma dahhlux fis-sehh fiz-zmien ta' l-incident.

It-Tribunal ghalhekk ihoss illi din l-ewwel eccezzjoni ta' preskirzzjoni bbazata fuq l-Artikolu 35 tal-Konvezjoni ta' Montreal ma hix sostenibbli u ghandha tigi respinta in kwantu illi l-Konvenzjoni ma kinitx tirregola l-partijiet fiz-zmien meta sehh l-incident illi ta' lok ghal dawn l-odjerni proceduri. Fuq kollox l-Artikolu 53(3) ta' l-istess Konvenzjoni ighid – *this convention shall be subject to ratification by States and ….. which have signed it*. L-istess Artikolu ighddi imbaghad sabiex jistabilixxi il-perjodi meta l-Konvenzjoni tidhol fis-sehh fl-istati firmatarji ghaliha. Jirrizulta ghalhekk illi fid-data ta'l-incident de quo, l-Konvenzjoni kienet ghadna mhix applikabbli f'Malta.

Is-socjeta` konvenuta mbaghad tghaddi sabiex tecipixxi ukoll il-preskrizzjoni a bazi ta' l-artikolu 2153 tal-KAP 16 – li jistipula li azzjonijiet ghall-hlas ta' hsarat mhux ikkagunati b'reat taqa` bi preskirzzjoni bl-eghluq ta' sentejn.

Qabel xejn jigi precizat, kif ritenut f'diversi sentenzi, illi "l-offerti illi jsiru in linea ta' transazzjoni ma ghandhomx effikacja tar-rikonoxximent tad-dejn ghaliex proposti simili isiru minghajr pregudizzju tad-drittijiet rispettivi tal-kontendenti". (Kollez. Vol. XXXIV P1 p326). "Wiehed ma jkunx qed jammetti d-debitu tieghu jekk huwa ighid jew juri li huwa lest illi jelimina l-kwestjonijiet reciproci b'xi transazzjoni jew b'mod bonarju. Huwa notorju illi trattattivi li jsiru bejn il-partijiet biex tigi esplorata l-possibilita` ta' xi ftehim huwa dejjem minghajr pregudizzju" (Giovanna Mifsud noe. Et vs Rosina Felice Gay – PA 5/10/1972 u Joseph Chircop et vs Salvatore Muscat noe. - Appell 28/04/2000).

Stabbilit dan, it-Tribunal jaghmel referenza ghal DOK CB4 illi hija l-covering letter tal-4 ta' April 2005 li permezz taghha, "Without Pregudice", u sabiex "the airline is to

finalize as per its First Needs Policy, i.e. for a maximum of Lm25", s-socjeta` konvenuta offriet is-somma ta' Lm25 sabiex tigi itterminata din il-pendenza.

It-Tribunal mhux ser joqghod jidhol fil-kwisjtoni tal-fatt illi dawn intbaghtu ghas-saldu "which represents our full and final payment", anke jekk hemm il-kwisjtoni tal-fatt illi l-hlas sar f'cekk wiehed flimkien ma' hlasijiet ohra mhux kkontestati – li allura ghat-Tribunal seta` b'ekwita` jiddeciedi illi b'daqsekk il-hlas ma sarx ghas-saldu - peress illi l-kwisjtoni ta' preskrizzjoni tirrizolvi dan il-kaz qabel.

Il-perjodu ta' sentejn ma jidhirx illi ghalhekk gie b'xi mod interrott jew miksur – la b'xi att giudizzjarju innotifikat, la b'xi azzjoni ohra proposta mis-socjeta` attrici u lanqas b'xi att jew eghmil tas-socjeta` konvenuta.

Filwaqt illi l-Avviz de quo gie ntavolat fl-24 ta' Awissu 2005, l-incident li ta' bidu ghad-dritt tas-socjeta` attrici li tressaq talba u li jaqa` bit-trapass taz-zmien ta' sentejn, sehh fit-28 ta' April 2003, skond kif jirrizulta mid-dokumenti ppresentati mill-istess socjeta` attrici fil-kors tal-kawza.

Illi di piu` la s-socjeta` attrici ma pprezentat ebda kopja legali ta' xi att giudizzjarju notifikat u ma' dan it-Tribunal ghandu x-xhiedha ta' Dr Chris Spiteri in rappresentanza tas-socjeta` konvenuta illi qal – *ghalkemm kien hemm skambju ta' korrispondenza, qatt ma wasslet fl-ufficcju taghna xi ittra ufficjali*.

Illi allura it-Tribunal jista` jasal biex jikkonkludi illi in effetti ghadda it-trapass taz-zmien rikjest fl-Artikolu 2153 hawn fuq msemmi u ma jirrizulta illi b'ebda mod dan gie interrot jew li kien hemm xi ksur ta' l-istess perjodu kif trid il-ligi, b'dan illi din l-eccezzjoni tidher illi hija sostanzjata u ghandha tigi akkolta.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, b'ekwita` jaqta` u jiddeciedi billi filwaqt illi jichad l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta, jilqa` t-t-tieni eccezzjoni taghha u jiddikjara l-

azzjoni attrici preskritta ai termini ta’ l-Artikolu 2153 tal-KAP 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

B’ekwita` u in vista tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, it-Tribunal jordna illi l-ispejjes ta’ din l-istanza jibqghu bla taxxa.”

Fil-kontestazzjoni ta’ din is-sentenza s-socjeta` attrici appellat lil din il-Qorti bl-aggravji li gejjin:-

(i) Gjaladarba s-socjeta` konvenuta ghamlet offerta ta’ hlas dan igib li hi accettat ir-responsabilita` ghall-incident, mertu ta’ l-Avviz, u dan kellu jigi mit-Tribunal tradott f’ kawza interruttiva tal-preskrizzjoni eccepita;

(ii) Barra minn hekk, ir-relazzjoni bejn il-kontendenti kellha titqies bhala wahda kontrattwali u dan igib li l-preskrizzjoni akkolta (Artikolu 2153, Kodici Civili) ma kienetx dik idoneja, in kwantu din tikkolpixxi materji dwar danni derivanti minn htija *ex delicto*;

It-twegiba tas-socjeta` konvenuta ghal dawn l-aggravji qed tigi sintetikament riprodotta *infra* bil-mod segwenti:-

(1) L-offerta tal-hlas li saret minnha kienet wahda “*without prejudice*” u dan ma jgibx li hi accettat ir-responsabilita`;

(2) Hi t-talba kif dedotta li tiddetermina jekk materja hijiex wahda *ex delicto* jew *ex contractu*. Fil-fehma taghha, it-talba kif impustata fl-avviz hi wahda ta’ rifuzjoni ta’ somma mhallsa mis-socjeta` assiguratrici attrici lill-assigurat taghha, u mhux ghal danni minhabba inadempjenza kontrattwali;

(3) Kien jinkombi fuq is-socjeta` appellanti li tressaq il-prova ta’ l-ezistenza tal-kuntratt u tal-pattijiet u kundizzjonijiet tieghu;

(4) F’ kull kaz, l-ezistenza tal-kuntratt ma teskludix danni *ex delicto*;

(5) La darba s-socjeta` attrici sarrfet ic-*cheque* rimess lilha ghas-saldu tal-pretensjonijiet taghha, hi ma setghetx, imbaghad, tippretendi l-hlas tas-somma minnha pretiza;

Precizati dawn l-aggravji u r-risposta ghalihom, jidher li l-argoment kollu tas-socjeta` appellanti kontenut fl-ewwel obbjezzjoni taghha jikkonsisti fil-proposizzjoni illi l-offerta ta’ hlas, anke jekk inferjuri ghal dik reklamata, timplika accettazzjoni tar-responsabilita` u, allura, rikonoxximent tal-kreditu pretiz. Izzid issostni illi l-unika divergenza bejn il-partijiet kienet dwar il-kwantum tal-kumpens dovut. Minn dan l-argument huwa ferm ovvju illi l-iskop tas-socjeta` appellanti hu dak li tirrikollega ruhha ghad-dispost ta’ l-Artikolu 2133 tal-Kapitolu 16. Dan fis-sens illi r-rikonoxximent prevvist minn din in-norma tal-ligi jissarraf anke fil-kaz prezenti bhala kawza interruttiva tal-preskrizzjoni opposta;

Kif anke rilevat mis-socjeta` konvenuta appellata fir-risposta taghha, din il-Qorti gja kellha okkazjoni tippreciza illi biex ir-rikonoxximent igib l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni kellhom jigu sodisfatti r-rekwiziti tal-volontarjeta`, tal-konsapevolezza, ta’ l-inekwivocita` u ta’ l-esternazzjoni. Ara d-decizjoni ta’ din il-Qorti kif presjeduta in re “**Austin Psaila -vs- Lother Slabick**”, 9 ta’ Frar 2005. Irid jigi aggunt illi dawn ir-rekwiziti kellhom jikkoezistu fl-istess att u mhux rikomposti *a posteriori*, bl-integrazzjoni tar-rizultat ta’ l-attivita` probatorja zvolta fil-process;

Kif taraha din il-Qorti, l-offerta maghmula mis-socjeta` appellata ma tammontax ghar-rikonjizzjoni tal-kreditu pretiz mis-socjeta` appellanti. Jista’ jinghad fiz-zgur, imbaghad, illi ma ngiebetx ghall-konvinciment tal-Qorti prova ta’ l-univocita` tar-rikonoxximent u, allura wkoll, ta’ xi rinunzja ghall-preskrizzjoni. Rinunzja din li, kif saput,

trid tirrizulta minn atti jew espressjonijiet "*chiare ed univoche*" (ara **Kollez. Vol. XXVIII P III p 1154** u **Vol. XXXIV P II p 646**). Fil-kaz in ezami r-responsabilita` kienet kontestata (ara deposizzjoni ta' l-Avukat Dottor Christopher Spiteri, *qua* rapprezentant tal-Air Malta u l-offerta tal-hlas ta' hamsa u ghoxrin lira kienet dikjaratament "*without prejudice*" [ara ittra datata 4 ta' April 2005 tas-socjeta` konvenuta (Dok. CB4)];

Dan li nghid jista' jigi ahjar illustrat b' riferenza ghal kazistika li ssegwi:-

(1) "Ir-rinunzja tacita ghall-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ma tistax tingibed hlief meta ma hemm l-ebda dubju fuq li l-konvenut irid hekk" ("**Carmelo Cassar *et* -vs- Avv. Dr. Paolo Azzopardi *nomine***", Appell Civili, 4 ta' Novembru 1935);

(2) Forsi aktar kjarifikatorju u centrali ghall-kaz in ispecje hi din is-silta kaptata mis-sentenza tal-**Qorti Taljana ta' Kassazzjoni (Numru 12600, 1999)**:

"*Il pagamento di una somma che si assume pienamente satisfattoria della pretesa del creditore, della quale si contesta il maggior ammontare, non puo assumere il signficato di riconoscimento del diritto, idoneo ad interrompere la prescrizione ai sensi dell' articolo 2944 c. c. (*ekwivalenti ghall-Artikolu 2133 tal-Kodici Civili taghna*), in quanto il fatto stesso che esista una controversia sull' ammontare della somma complessivamente dovuta esclude di per se che il versamento di un certo importo costituisca una non equivoca ammissione dell' altrui diritto*";

Minn dan jikkonsegwi illi kemm fuq l-istregwa ta' dawn id-decizjonijiet, kif ukoll in bazi ghar-riziultanzi processwali din il-Qorti ma tarax kif ghall-kaz *de quo* tista' tigi ipotizzata sitwazzjoni ta' xi rikonoxximent tar-responsabilita` jew ta' rinunzja ghall-preskrizzjoni. Kien certament jokkorri li, fl-imgieba tas-socjeta` konvenuta, jigi

pruvat bhala li hi insita, minghajr il-possibilita` ta' interpretazzjoni xort' ohra, il-volonta` inekwivokabbli li ma tiggjovax ruhha mal-preskrizzjoni kompjuta. Din il-prova f' dan il-kaz hi mankanti jew, ghallanqas, mhux sodisfacentement sorretta a konvinzjoni tal-Qorti. Jitnissel minn dan kollu li ntqal illi l-ewwel ilment tas-socjeta` appellanti ma jinsabx sew sostenut u qed jigi konsegwentement respint;

Diversament hi l-qaghda prospettata fil-parametru tat-tieni aggravju. Ghall-ahjar kjarezza jokkorri li jigu qabel xejn inkwadrati dawn il-fattezzi:-

(1) Kenneth Aquilina, l-assigurat tas-socjeta` attrici, kien passiggier ta' l-Air Malta, ex-titjira KM 2592 tat-28 ta' April 2003. Il-bagalja tieghu ma twassletx fid-destinazzjoni intiza jew, f' kull kaz, giet ikkonsenjata lilu tardivament. Huwa ghalhekk nkorra f' certi spejjez ghax-xiri ta' "*items*" essenzjali x' jilbes (ara ricevuti a fol. 3);

(2) Is-socjeta` attrici rrifondietlu dawn l-ispejjez in forza tal-polza ta' assikurazzjoni fis-sehh Nru. 70032855 (ara xhieda ta' Maurice Cordina Borg, rapprezentant tas-socjeta` appellanti). Hi r-rifuzjoni tas-somma hekk imhallsa li s-socjeta` attrici irreklamat bl-azzjoni taghha minghand l-Air Malta;

Minn dawn il-fatti jistghu jigu delinejati zewg tipi ta' relazzjonijiet. Il-wahda, dik bejn il-passiggier u l-Air Malta, responsabbli mill-garr bl-ajru tal-bagalji. L-ohra, dik bejn is-socjeta` assiguratrici attrici u l-passiggier taht il-polza ta' l-assigurazzjoni;

Mill-ewwel tip ta' relazzjoni jemanu dawn il-konsiderazzjonijiet:-

(1) Passiggier li jaffida l-bagalji tieghu lil-linja ta' l-ajru jkun kjarament qed jikkontratta maghha biex din twassalhomlu fil-punt tad-destinazzjoni mahsuba. Dan hu

manifestament indott anke mill-provvedimenti tal-"*Warsaw Convention (1929) for the unification of certain rules relating to international transportation by air*", li taghha pajjizna ilu firmatarju sa mill-1986. L-istess definizzjoni riskontrata fl-artikolu 1 (2) ta' l-imsemmija Konvenzjoni tikkonferma illi l-espressjoni "'*international transportation' shall mean any transportation in which, according to <u>the contract made by the parties</u>, the place of departure and the place of destination … … … are situated either within the territories of two High Contracting Parties, or within the territory of a single High Contracting Party*." F' disposizzjonijiet ohra fl-istess Konvenzjoni nsibu espressa riferenza ghall-"*contract of carriage*" [ara artikoli 3 (2), 23 u 32]. Minnhom hu bil-wisq desumibbli li l-kumpilaturi tal-Konvenzjoni riedu jirregolaw relazzjoni dikjaratament wahda ta' indoli kontrattwali;

(2) Mhux dan biss pero`. L-affidament tal-bagalji timporta li l-linja ta' l-ajru ghandha wkoll bi dmir tikkustodihom sal-wasla taghhom fid-destinazzjoni. Dan hu ben indott b' analogija mill-provvedimenti ta' l-Artikoli 1628 u 1629 tal-Kodici Civili, anke jekk dawn jirreferu solament ghall-vetturali bl-art jew bil-bahar;

(3) L-inosservanza ta' l-obbligi kontrattwali sija jekk ghandhom rapport mal-kuntratt tal-garr jew tad-depozitu, jew id-dewmien fl-ezekuzzjoni taghhom jirrendi lil min hu hekk obbligat passabbli ghad-danni. Dan kemm taht l-imsemmija Konvenzjoni kif ukoll taht il-principji generali tad-dritt (Artikolu 1133, Kodici Civili);

(4) Minn dawn ir-riflessjonijiet jikkonsegwi illi, kif drabi ohra ritenut in materja tal-preskrizzjoni, "*trattandosi di un' azione per danni derivanti dall' inadempimento di una obbligazione contrattuale, non è applicabile la disposizione dell' articolo 1917 dell' Ordinana VII del 1868, che è applicabile solo a danni risultanti da dolo o colpa extra-contrattuale ovvero Aquiliana, ma è invece applicabile la prescrizione quinquennale che regola gli effetti del contratto.*" ("**Giuseppe Attard *nomine* -vs- Alfred Zerafa *nomine***", Qorti tal-Kummerc, 24 ta' April 1906. Ara wkoll "**Negte Salvatore La Rosa de**

**Cristoforo *nomine* -vs- Henri Rouselle *nomine***”, Appell Kummercjali, 17 ta’ Frar 1936);

Kwantu ghat-tieni tip ta’ relazzjoni huwa indiskuss illi r-rapport bejn il-persuna assigurata u l-kumpanija assiguratrici, li maghha r-riskju jigi pjazzat, hu wiehed kuntrattwali, bis-soliti karatteristici tal-konsenswalita`, onerozita`, aleatorjeta` u prestazzjonijiet korrispettivi. Ara “**Lina Zerafa *nomine* -vs- Avv. Joseph Fenech *nomine***”, Appell Kummercjali, 30 ta’ Mejju 1980;

Is-socjeta` appellata tissottometti illi s-socjeta` attrici pprocediet fil-veste personali taghha u mhux kif surrogata fid-drittijiet ta’ l-assigurat taghha. Kontra dan l-argument din il-Qorti trid tirrileva illi s-surrogazzjoni hi l-effett tal-hlas li s-socjeta` assiguratrici taghmel lill-assigurat taghha u allura hi intiza bhala ipotesi specjali ta’ dik is-surroga legali rientranti fid-dispost ta’ l-Artikolu 1166 (c) tal-Kodici Civili. Ara “**Fogg Insurance Agencies Ltd *nomine* -vs- Raymond Azzopardi**”, Appell mit-Tribunal, 25 ta’ Frar 2004. Tali surroga ggib ghall-assiguratur l-akkwist b’ titolu derivattiv tad-drittijiet ta’ l-assigurat fil-konfront tat-terz responsabbli, dejjem fil-limitu pero` ta’ l-import imhallas. Ara “**Untours Insurance Agents Ltd *nomine* -vs- Salvatore Zarb**”, Appell mit-Tribunal, 20 ta’ April 2005. Drittijiet dawn li, ragonevolment, jemanu mill-kuntratt li l-assigurat, *qua* passiggier, kellu mal-linja ta’ l-ajru. Dan jikkomporta illi l-kwestjoni riedet allura tigi vizwalizzata, u determinata wkoll, fl-ambitu ta’ dan il-kuntratt, essenzjalment wiehed ta’ depozitu u ta’ garr tal-bagalji. Kuntrarjament ghal dak ritenut mis-socjeta` appellata, l-azzjoni promossa mis-socjeta` attrici mhix koncepita bhala wahda ta’ danni rizultanti minn kwazi delitt izda hi wahda allaccjata intrinsikament ma’ l-inadempjenza kontrattwali da parti ta’ l-Air Malta li twassal il-bagalja ta’ l-assigurat fid-destinazzjoni, kif skond il-kuntratt antecedenti tat-trasport kien hekk mahsub. Kontrattazzjoni bhal din hi wahda pacifika anke ghall-istess socjeta` appellata, u ferm notorja u fl-esperjenza komuni ta’ dawk kollha li juzaw it-trasport bl-ajru. Il-prova ta’ dan il-fatt pacifiku ma

kienetx ghalhekk indispensabbli una volta li l-partijiet jirrikonoxxu l-ezistenza tal-kontrattazzjoni;

Issa huwa veru li l-ezistenza ta’ kuntratt ma teskludix *a priori* danni *ex delicto*. F’ dan il-kaz pero` ebda fatt illecitu ma gie dedott u ebda kolpa akwiljana ma giet addebitata lis-socjeta` konvenuta Kull ma jinsab allegat hu illi l-htija tas-socjeta` konvenuta tidderivi minn nuqqas taghha li tonora b’ mod adegwat l-obbligazzjonijiet kontrattwali taghha. L-ebda accenn ma sar ghal xi fatt li minnu r-responsabilita tnisslet *ex nunc* imma sempliciment li l-kumpanija konvenuta naqset li tiehu kura ta’, u li twassal, il-bagalja fid-destinazzjoni intenzjonata. Il-kollegament hu allura wiehed strettament in rapport ma’ obbligu kontrattwali u xejn aktar. Dan igib ghal konkluzjoni illi l-preskrizzjoni eccepita a norma ta’ l-Artikolu 2153, Kodici Civili ma kienetx, fic-cirkustanzi tal-kaz, wahda ammissibbli;

Raggunta din il-konkluzjoni din il-Qorti jkollha twarrab is-sentenza appellata u in virtu ta’ l-Artikolu 8 (4) ta’ l-Att V ta’ l-1995 tghaddi biex tiddefinixxi u tiddeciedi t-talba attrici, fl-osservanza tal-fatt illi s-socjeta` konvenuta ma ssollevat ebda eccezzjoni fil-mertu izda biss id-dekadenza taht il-Montreal Convention 1999 li giet skartata mit-Tribunal u l-preskrizzjoni hawn fuq dibattuta.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti prevja r-rigett ta’ l-ewwel aggravju, tilqa’ t-tieni wiehed fil-kap devolut lilha u b’ hekk tirrevoka s-sentenza appellata. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` assiguratrici attrici s-somma reklamata fl-avviz, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------